# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 31 ta' Mejju 2022**

**Appell numru 75/2022 fl-ismijiet:**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Ramsey AGIUS**

**Il-Qorti,**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-21 ta' Frar 2022 fil-konfront ta' Ramsey AGIUS (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 460580M) li ġie mixli talli fil-Gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
    a. minn Mejju 2020 sa Ġunju 2020 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jagħti lil Chantelle Riolo u/jew lill-uliedu s-somma hekk iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax -il jum minn dak -il jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas is-somma.

b. Nhar il-21 ta’ Ġunju 2020 għall-ħabta ta’ 1435 ġewwa Vjal l-Indipendenza fil-Mosta mbotta lil Chantelle Riolo biex iweġġagħha jew jinsulentaha.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, filwaqt li ddikjarat li semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni imputazzjoni kienet preskritta, sabet lill-appellant AGIUS ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal **tliet xhur priġunerija**.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant AGIUS appella minn din is-sentenza fejn talab lil Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn illiberatu mit-tieni imputazzjoni mill-banda l-oħra tbiddel dik il-parti tas-sentenza fejn imponiet il-piena imsemmija iżjed il-fuq billi minflok timponi piena mhux karċerarja fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, u dan, fil-qosor, għar-raġunijiet li bintu kienet waqfet tabita mal-kwerelanta u f’Marzu 2020 il-partijiet kien qablu li jieqfu jagħtu manteniment għat-tfal lil xulxin u dan peress li l-partijiet kienu qegħdin jieħdu ħsieb wild kull wieħed minnhom. Anzi l-wild li qiegħed jgħix mal-omm ried li jitlaq minn magħha u jrid imur jgħix mal-appellant minħabba li l-parte civile kienet qed titrattah ħażin. Illi fi kwalunkwe każ fil-mori tad-differiment kienu tħalsu disa’ mitt euro meritu tal-vertenzi appellati. Apparti dan il-piena kienet waħda eċċessiva.

4. Illi matul is-seduta tas-26 ta’ Mejju 2022 il-parte civile ddikjarat li l-appellant kien verament ħallas il-pendenza dovuti minnu relattivament għall-meritu ta’ dan l-appell.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

5. Illi kwantu għall-meritu ta’ dan l-appell, din il-Qorti ftit għandha xi żżid ma dak deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Il-verżjoni tal-

appellant ma kienet sorretta mill-provi u b'hekk il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) relattivament għar-responsabbilta penali tal-appellant għar-reat li tiegħu ġie misjub ħati, kienu legalment u raġonevolment korretti.

6. Daqskemm kienu wkoll korretti l-konklużjonijiet dwar il-piena li ġiet imposta li kienet kwalitattivament u kwantitativament ineċċepibbli. Ir-reat kontestat f'dan il-każ jinsab f'Taqsima Tlieta tal-Kodiċi Kriminali, taħt is-sub-titolu numru wieħed f'dik is-sezzjoni li titratta l-kontravenzjonijiet li huma ta' ordni pubbliku, u l-piena relattiva hija, skont l-Artikolu 7(2) tal-imsemmi Kodiċi :
   a) Id-detenzjoni,
   b) L-ammenda,
   c) Iċ-ċanfira jew it-twiddiba.

7. Iżda ġaladarba l-Qorti kkunsidrat li f'dan il-każ id-diversi infrazzjonijiet ġew marbuta ma xulxin bil-kwalifika tar-reat kontinwat u b'hekk dik il-Qorti setgħet tawmenta l-piena bi grad jew tnejn, fis-sensi tal-artikolu 31(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali din il-piena tal-kontravvenzjonijiet tista' tiżdied għal dik tal-multa jew tal-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur. B'hekk b'żieda ta' grad wieħed, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ingħatat id-dritt tal-għażla bejn l-imposizzjoni tal-multa jew tal-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur. Dik il-Qorti kellha wkoll, bis-saħħa tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali id-diskrezzjoni li tagħżel li żżid il-piena b'żewġ gradi, biex b'hekk titla skala oħra fl-iskaluna tal-pieni msemmija fl-artikolu 31(1)(b) b'mod li t-terminu ta' priġunerija jiżdied għal faxxa li tvarja bejn ix-xaharejn u s-sitt xhur priġunerija.

8. Għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma speċifikatx kif kienet qegħda teżerċita d-diskrezzjoni tagħha, meta hija għażlet li timponi piena ta' tliet xhur priġunerija hija kienet qegħda jew iżżid il-piena bi grad filwaqt li tagħżel il-kors tal-priġunerija li fil-massimu tagħha setgħet titla' sa tliet xhur. Mill-banda l-oħra tista titqies ukoll li imponiet il-piena ordinarja b'żieda ta' żewġ gradi iżda għażlet li timponi l-piena fit-tieni grad lejn it-triq medjana tiegħu. Iddur fejn iddur, il-piena kienet fil-parametri tal-Liġi u kienet kwalitattivament u kwantitattivament korretta.

9. Biss jirriżulta wkoll li fil-mori tal-appell kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet, billi l-appellant ħallas għal kollox l-ammonti kollha

dovuti minnu f'manteniment in konnessjoni ma dan il-każ. Dan huwa pass pożittiv li juri li l-appellant, anke jekk tardivament, spiċċa biex wettaq dak li kien ordnat mill-Qorti li jagħmel. Irid issa jżommha f'moħħu li skont ġurisprudenza kostanti l-ordnijiet tal-Qrati jridu jiġu osservati skrupolożament u mhux ammessi u permessi tfettieq jew kavillar żejjed fit-twettieq tagħhom. Mill-banda l-oħra tali ħlas tardiv jista' jittieħed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fl-erogazzjoni tal-piena tagħha.

## Deċide

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-appell magħmul minn Ramsey AGIUS in parti u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn ma sabitux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni kontra tiegħu, iżda mill-banda l-oħra tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie kundannat għal tliet xhur priġunerija u minflok, fiċ-ċirkostanzi prevalenti u riżultanti, din il-Qorti tqis li jissussistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk il-Qorti tillibera lil ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena millum.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel ma emanat tali ordni, hija fissret lill-ħati bi kliem ċar, sempliċi u li jinftiehem li jekk huwa jagħmel reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**